**L-Ors Russu tilef Snienu fi Gdansk**

Hekk habbar Lech Walesa f`diskors li ghamel fi Gdansk fl-okkazjoni tal-25 anniversarju mt-twaqqif ta` Solidarnosc u l–avvenimenti ta` Awissu 1980 meta Walesa mexxa moviment popolari li ra it-twaqqif ta` trade union hielsa l-ewwel tax-xorta taghha fl-Unjoni Sovjetika. Kien process li bih, bhal kastell tal-karti, il-pajjizi l-ohra li kienu fil-blokk ta`l-Unjoni Sovjetika segwew. Kollha kemm huma gharfu waqt ic-celebrazzjonijiet is-sinifikat tal-avvenimenti pollaki fil-grajjiet ta`pajjizhom

Ghax l-avvenuimenti ta` Gdansk ma affetwawx biss il-Polonja. Ma hemmx dubju illi il-fatt illi il-Polakki irnexxilhoim igieghlu il-Gvern Komunista illi jaccetta hafna mill-kondizzjonijiet li ma kenux marbutin biss mas-sitwazzjoni tax-xoghol fit-tarzna ta` Gdansk, izda wkoll dwar libertajiet politici u industrijali, wera lill-pajjizi l-ohra ta`l-Ewropa tal-Lvant li hu possibbli illi nazzjonijiet illi ghal zmein twil kienu liberi u dak iz-zmien kienu taht il-madmad  tal-komunizmu sovjetiku minhabba il-konferenza ta`Yalta, setghu iqumu u jitolbu mill-gdid l-indipendenza taghhom.

Kif qalli attivista ta` Solidarnosc  meta attendejt ic-celebrazzjonijiet fi Gdansk fil-31 ta` Awissu li ghadda, din ma kenitx rebha instantaneja izda process twil; ma nistghux ninsew

il-ligi marzjali illi giet introdotta fit- 13 ta` Dicembru 1981; u ir-ripressjoni illi segwiet b`Lech Walesa ineternat ghal hadx-il xhar, ilq-til tad-Direttur Spiritwali ta` Solidarnosc Popiliesko; anki xi pajjzi tal-Punent hallew il-Polobnja ghal rihha; izda il-process kien irreversibbli.

Izda haga wahda haregt cara fid-diskorsi li saru mill-Presidenti u Prim Ministri matul ic-celebrazzjonijiet ; illi dal-process irnexxa minhabba is-sostenn tal-Papa Gwanni Pawlu II; meta flimkien ma` mexxeja ohra Ewropej, poggejt il-fjuri mal-kancell tat-Tarzna ta` Gdansk, fejn bdiet ir-rivoluzzjoni non-vjolenti kontra d-ditattura komunista, ma stajtx ma ninnotax illi mal-kancell kien hemmr ritratt kbir tal-Papa Woytila, ftit `il boghod mill-monumnet bi tliet slaleb li jikkommemora il-qtil tal-haddiema pollakki fl-1970 fil-Pjazza ta `quddiem  it-Tarzna illum immemmija mill-gdid Pajzza Solidarjeta`.

Kif qal l-Arcisopof il-gdid ta`Krakovja Stanislew Dwisnki, li attenda dac-celeberzzjonijet bhala mibghut specjali tal-Papa Benedettu XVI, u li ccelebra quddiesa fl-istess Pjazza, il-qawmien ta` trade union hielsa, il-ghajta ghal drittijiet industrijali u politici, kellhom il-benniena taghhomn fit-taghlim u tradizzjoni nisranija tal-Polonja; mhux ta` b`xejn illi proprju il-pajjiz li ghandu dit-tradizzjoni daqshekk qawwiija kien l-ewwel wiehed illi rawwem, u bena din l-atmosfera ta` liberta` li nxterdet fl-Ungerija, Ic-Cekosalvakia, il-pajjizi Baltici, Rumanija, Bulgarija, Georgia u ricentement l-Ukraina .  Meta rajt lil Lech Walesa u martu Danuta gharkobttejhom fil-Pjazza Solidarjeta` waqt il-quddiesa fi Gdansk  ghidt bejnji u bejn ruhi; din hija il-koppja nisranija esemplari, semplici, li batiet, li batiet ukoll l-ingratitudini l-iktar meta Walesa dahal fil-poltika attiva, izda li baqghet

rispetatta ghal li ghamlet, kif stajt ninnota matul dawn ic-celebrazzjonijiet. Walesa zamm dik is-emplicita` tieghu. Ebda diskors tieghu ma kien miktub; ghandu spontanjeta` li ssahherek u li torbota malajr ma` l-udjenza; mhux ta` b`xejn illi 25 sena wara f`kull diskors li ghamel fi Gdansk kien milqugh b`applawsi u approvazzjoni.

Izda kienet il-fidi nisranija li biddlet lil dan il-haddiem ta` l-elettriku minn kap ta`familja ordinarja f` mexxej qalbieni. Kien l-ispistu t`Alla li tah id-don li jmexxi lil pajjizu izda wkoll li jaghnel l-ewwel ticrita fil-purtiera tal-hadid. Meta il-partecipanti kollha iffirmajna l-att tal-fondazzjoni ta` Centru Ewropew ta` Solidarjeta proprju quddiem il-Tarzna ta`Gdansk, Walesa rega` hareg il-``biro`` kbira bir-ritratt tal-Papa li kien uza 25 sena ilu meta iffirma il-ftehim mal-Gvern Komunista li bih akkwista liberta` ghal Solidarnsc. Att simboliku li ta xhieda tar-rabta bejn dak li gara u il-Knsija Kattolika

Minkejja li m`ghadux President tal-Polonja, Walesa ghadu rispettat ghall-principji tieghu; ma harab qatt minnhom; stqarrhom pubblikament anki meta xi whud kienu ighajjruh fondamemtalista ghaliex kien jistqarr twemminu; huwa esempjku ghall-politici Maltin li iridu jieqfi sodi quddiem il-mewga tar-relativizmu morali li qed tidhol `f pajjizna; mhux biex ninghalqu f`qoxritna u nirtiraw firr-rokna taghna; il-politku nisrani irid jiddjaloga u jikkommunika mad-dinja, jidhol `f`relazzjoni maghha kif ighallimna il-Papa, izda mhux bil-prezz li jichad dak li jemmen fih biex jidher modern u jimxi mal-moda.

Tonio Borg